MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2478/2003

**Eden Entertainment Limited**

**vs**

**Q-Services Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Dicembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tletin centezmu (Lm625.30) dovut ghall-servizzi ta' reklamar rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fuq l-istazzjon Bay Radio;**
**Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra interpellatorja tal-25 ta' Lulju, 2003, u bl-imghax legali mill-31 ta' Dicembru, 2002, data ta' l-ahhar invoice sal-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-13 ta' Jannar, 2004, ghas-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta. Ra li r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin  lira Maltija u tletin centezmu (Lm625.30) bl-imghax legali mill-31 ta' Dicembru, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-25 ta' Lulju, 2003, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------